**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 31 ta' Ottubru, 2024**

**Talba Nru: 53/2023MD**

**Rebekah-Ann Borg (K.I. 0427287M)**

**Vs**

**James Gregory (K.I. 237175M)**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-8 ta' Frar, 2023[1] permezz ta' liema l-attriċi talbet li l-konvenut jiġi ordnat iħallas is-somma ta' elf, erba' mija u sittax-il Ewro (€1,416.00) rappreżentanti servizzi reżi ta' *engineering design* fid-dar tal-konvenut ġewwa il-Qrendi fuq talba tiegħu.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat bl-Avviż, ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi u lanqas ma deher għas-seduti tat-8 ta' Ottubru, 2024[2], tas-17 ta' Ottubru, 2024[3], u tal-24 ta' Ottubru, 2024[4].

---

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 41 tal-proċess
[3] A fol 45 tal-proċess
[4] A fol 46 tal-proċess

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tal-attriċi fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2024[5] u fil-fatt il-konvenut ma dehrx sabiex jirrispondi għalih fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2024[6].

Sema l-attriċi **Rebekah-Ann Borg**[7] li ddikjarat li l-konvenut hu klijent tagħha li kien inkarigaha sabiex tagħmel il-*building services* kollha tal-post tiegħu, tagħmillu l-pjanti u tispjegalu x'għandu bżonn u dan fil-professjoni tagħha ta' *engineer*. Hija lestiet ix-xogħol kollu. Ikkonfermat l-fattura ppreżentata mal-Avviż tat-Talba u spjegat li l-fattura[8] hija l-*invoice* li ħarġet lil klijent meta tlesta x-xogħol u kkonfermat li l-ammont għadu dovut mill-istess konvenut.

Ra d-dokumenti ppreżentati mal-Avviż tat-Talba[9].

Sema t-trattazzjoni tal-attriċi.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mill-fattura u d-dokumenti annessi mal-Avviż u mix-xhieda ta' Rebekah-Ann Borg.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba attrici u jordna lil konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' elf, erba' mija u sittax-il Ewro (€1,416.00) rappreżentanti servizzi reżi ta' *engineering design* mill-attriċi fid-dar tal-konvenut ġewwa l-Qrendi fuq talba tiegħu.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[5] A fol 42 tal-proċess
[6] A fol 45 tal-proċess
[7] A fol 43 et seq tal-proċess, xhieda datata 8 ta' Ottubru, 2024
[8] A fol 4 tal-proċess
[9] A fol 4 et seq tal-proċess